## IN MEMORIAM

# ĠUŻÈ BORG PANTALLERESCO

Il-Ħadd, 17 ta' Jannar 1965, għal xi l-10.30 p.m., lissen l-aħħar kelmiet tiegħu l-prokuratur legali Ġużè Borg Pantalleresco meta talab lil dawk madwar is-sodda tal-mewt isellu għal martu, ħutu u ħbiebu kollha "għax kien sejjer fejn il-għażiża ommu." Kien dak in-nhar meta għal xi l-5.00. p.m. ħassu ħażin u t-tabib wissa lil martu li s-Sur Ġużè ħtieġlu jfittex l-isptar. Fit-8.30 p.m. hareġ minn daru għall-aħħar darba. Fl-isptar, fi kliem martu nfisha, is-sinjura Riccarda, kif għarrfitni, "żewġha għamel mewta ta' qaddis," imwennes fil-ħwejjeġ tar-ruħ minn qaribu Patri Franġisk, Kabuċċin; ir-Reverendu Fortunato Mizzi, ħabibu tal-qalb, u l-kappillan tal-isptar.



*Bil-kortesija tal-Union Press*

Is-Sur Ġużè bħallikieku qalbu ħebritu x'kien se jgħaddi minnu, għaliex tlitt ijiem qabel, fil-14 ta' Jannar 1965, kitibli, "Meta trid inti, jiena nħallilek tifkira ta' leħni.* Tabilħaqq: Anton, ma nafx dan il-leħen kemm sejjer idum jinstama'. Wasalt biex inħalli 'l ħbiebi, u s-Sema kaħlani ta' gżiritna. Mid-dar, speċjalment wara nofs in-nhar, miniex noħroġ, u bosta drabi filgħodu wkoll — illum wieħed minnhom;" u żied jistqarrli, "Ma għadnix dak il-bniedem espansiv ta' xi darba. Il-fakoltà mentali bdiet tipparalizza u f'qalbi hemm il-ħemda. Wara kollox għandi 75 sena magħluqa. Niskanta kif għexthom." Dawn kienu l-aħħar kliem miktuba minnu lili. Ftit jiem qabel mewtu kien kitibli dwar tagħrif li kont tlabtu, u hekk kien għalaq l-ittra, "Ma nafx Milied ieħor inkunx għadni hawn għax saħħti sejra lura bis-sigħat. Tkun magħmula l-volontà t'Alla." Dawn il-kliem jixhdu bosta fuq is-Sur Ġużè Borg Pantalleresco.

---

* Is-Sur G.B.P. qiegħed jitkellem dwar talba tiegħi sabiex nieħu "tape-recording" għall-qari ta' xi siltiet letterarji tiegħu.

Kien raġel iħobb 'l Alla u jqimu minn qalbu. Għal art twelidu kellu ġibda kbira. Għall-ħdura, il-ġonna u l-ħlejjaq kien imut. Il-għaxqa tiegħu s-skiet, il-ħemda, il-ġabra, il-għana tal-għasafar, il-ġmiel u l-fwieħa tal-fjuri fil-Ġnien ta' San Anton, fejn kien jogħxa jqatta' ta' kuljum sigħat sħaħ, meta kien jiflaħ. Dal-aħħar, wara nofs in-nhar, ta' kuljum erħilu jfittex il-ġabra fil-ġnien tal-Istitut Vincenzo Bugeja, billi dan jaħbat eqreb lejn daru minn San Anton. L-iltiema minn dejjem miġbud lejhom u fosthom u qalb is-sorijiet li jduru bihom kien iħossu ta' ġewwa. Fis-skiet u l-ġabra hejja t-tmiem tal-mawra tiegħu fid-dinja. Il-faqar għalih ma kienx ifisser dak il-għajb ta' min il-ġid tad-dinja kollox u dejjem; il-faqar 'franġiskan' kien jifhmu u jħaddnu. Għalih il-ħolqien daru u s-sbuħija tal-qamħ, tmewweġ mar-riħ, il-ħobża ta' kuljum. Għalih il-bniedem hu l-ħlejqa li jimla l-ħolqien bis-sbuħija. L-aktar maċ-ċkejknin u wisq aktar mal-iltiema, erħilu jiftaħ qalbu beraħ u jrid jagħmilha ta' missierhom. Ma jfissirx li l-ħajja għalih kienet xi ħolma sabiħa, għax matul ħajtu hu wkoll ħabbat wiċċu ma' taqtigħ il-qalb u n-niket. Ta' bniedem qalbu żgħira, qalbu kienet tingħafas u jibki dmugħ kiebi, iżda tgħallem jistor u ma jurix id-diqa li daqqiet tkiddu. Meta tifraħ bih kien jifraħ bik sebgħa għal seba' darbiet. Bi kliemu erħilu jixtieqek tifhem li għandu qalbu miftuħa beraħ għalik. Jekk tagħmillu nitfa ġid, ma jistabarx qabel ifiehmek kemm jafhulek, u jtenni u jtellet il-ħajr tiegħu. Ma kienx jistor qalbu bejn erba' ħitan ta' kamra, għax imqar fi triq maħnuqa bin-nies fommu jinfexx jitbissem u b'leħen għoli ma jiddejjaqx jifraħ bik u jbierkek, lilek, niesek u għemilek. Kellu l-barka ta' dawk it-tfal mingħajr ħ'iena li, bħal dik il-warda tiftaħ fommha għax-xemx tar-rebbiegħa, jifirħu b'għajrhom, ikun min ikun jew ikunu fejn ikunu. Mingħajr ma jaħsibha darbtejn jidħol għalik f'dak li titolbu. U bniedem magħġun hekk kien jistenna bħallikieku d-dinja wkoll għandha tkun imgħammra b'nies li dejjem jiftakru u jħossu għal għajrhom bħalma jafu jiftakru fihom infushom. Bniedem bħalma kien is-Sur Ġużè kien għalhekk iħoss qalbu aktar tingħafas meta jintebaħ b'min jagħmel ta' bil ruħu ma rahx, jew bħallikieku ma semgħux, jew ma għarafx x'ried ifissirlu. Kien jistenna li ħaddieħor ikun qalbu f'idu bħalma hu dejjem xtaq ikun ma' għajru. Hekk nafu jien lil dan ir-raġel li matul ħajtu xtaq jagħmel il-ġid lil ħaddieħor, kif jaf hu u safe'n jista'. Għani jew fqir, belti jew ċakkar; tal-iskola jew bla tagħlim: ilkoll għajru; ilkoll ħaqqhom troddilhom qima u ġieh għax għalih ilkoll xbieha ta' Alla. Ħafna huma dawk il-Maltin jafuh kif ktibt dwaru llum.

* * *

Is-Sur Ġużè Borg Pantalleresco twieled il-belt Valletta nhar it-28 ta' Novembru 1889 minn Emanuele Borg u Vincenza, imwielda

Pantalleresco. Trawwem fl-istudji taħt il-għajnejn tal-Patrijiet Ġiżwiti fis-Seminarju ta' Għawdex. Għadda l-kors ta' Prokuratur Legali fl-Università Rjali ta' Malta. Fl-1917 ħalla l-Qrati u għamel kors ta' *Marine Engineering* taħt il-professur Nixon u sar *Assistant Fitter* fit-Tarzna. Għal tul ta' tliet snin is-Sur Ġużè ra mill-qrib u ġarrab b'idejh il-ħajja tal-ħaddiem tal-id. Iż-żmien li għamel fil-ħanut taxxogħol ma qabilx miegħu u ħawdu. Wara tliet snin ta' "morr", kif sejjaħlu hu, reġa' lura jaħdem ta' prokuratur legali fil-Qrati. Mażżmien issieħeb fil-Partit tal-Ħaddiema. Meta twebbel joħroġ bħala kandidat f'elezzjoni ġenerali mal-Partit Laburista Malti (Malta Labour Party), ma telax.

Dawn fuq fuq kelmtejn dwar ħajtu. Jonqos iżjed u aqwa x'jingħad. L-isem ta' Ġużè Borg Pantalleresco sa jibqgħu jiftakruh il-kotba ta' proża u poeżija li ħareġ. L-ewwel wieħed deher fl-1927 u jiġbor fih, ismu miegħu, "A Mia Madre: Versi," damma ta' vrus miktuba lil ommu, bniedma li hu dejjem ħabb u qatt ma nesa. Għadda ż-żmien u fit-tliet snin, 1950, 1951 u 1952 dehru tiegħu: "Folji Miġbura", "Weraq Midmum", u "Għex Mhux Bil-Ħobż Biss". Ħames snin wara l-aħħar wieħed, fl-1957, ħareġ, "Palpiti, Dmugħ u Tbissim." Il hawn u 'l hinn, fi "*Il-Malti*," *It-Torċa*, *Leħen is-Sewwa*, *Is-Sebħ*, dehru versi u kitba oħra tiegħu. U dal-aħħar, fit-tieni ħarġa ta' Il-Muża Maltija, midmuma mill-Professur Ġużè Aquilina, daħlu żewġ poeżiji ta' Ġ.B.P. li jisimhom, *Bla Dawl* u *Storja ta' Bufula*. Li l-Professur Ġ. Aquilina, bħala l-kompilatur ta' Il-Muża Maltija, talbu poeżiji sabiex hu jagħżel minnhom u jidħlu wkoll mad-damma, ferrħitu qatigħ lis-Sur Ġużè, għax barra li wrieni l-ittra tal-Professur, tarrafli kemm ħassu hieni illi versi tiegħu sabu wkoll posthom ħdejn dawk ta' kittieba Maltin oħra sħabu. Hekk, twettaq kliem il-Professur Ġ. Aquilina nnifsu, bħala l-editur tal-'Ġabra Letterarja' — il-programm letterarju mxandar kull ġimgħa fuq ir-Rediffusion. meta f'xandira kollha mogħtija għal kitba ta' Ġ.B.P., stqarr illi dal-poeta għandu hu wkoll in-niċċa tiegħu fil-letteratura Maltija.

Illum, Ġużè Borg Pantalleresco ma għadux iżjed madwarna, niltaqgħu miegħu meta jiftlilna jew jiltaqa' magħna meta hu jixtieq. Il-medda tiegħu ta' ħajja fuq din l-art intemmet ukoll, bħalma ntemmet ukoll, ta' dawk li għaxu qablu u għad tintefa dik tal-bnedmin li għaxu qablu, kif ukoll ta' min għad irid jiġi. Din hi l-ġrajja talbniedem. Għan-nisrani, mal-mewt hemm it-tama li jitwieled fih għajxien ġdid, ogħna u aqwa. Dan hu l-awgurju li għandi għal Ġużè Borg Pantalleresco. Għalih qawmien fi Kristu, kif jitlob it-Twemmin Nisrani li hu daqshekk ħaddan minn qalbu; għalina li ngħożżu l-wirt letterarju li ħallielna. Kbir jew żgħir, il-wirt letterarju tiegħu jfisser għotja lill-poplu Malti.

Ġużè Borg Pantalleresco xtaq hu wkoll iħalli tifkira tiegħu nnifsu f'għamla ta' kitba letterarja, proża u poeżija. Hu jagħmel sehem minn dik il-ġemgħa professjonisti li għaxu matul is-seklu dsatax u dħul il-għoxrin illi tħajru jfissru ħsibijiethom f'għamla mirquma. L-akbar għadd minnhom xorbu minn skola taljana u għalhekk tħajru għall-ewwel imiddu idhom jiktbu versi bit-Taljan. Għalihom il-ġibda għall-imħabba fi żmien iż-żgħożija, is-sbuħija tal-ħolqien, il-ġibda lejn art twelidek, il-ferħ tal-ħajja u l-biża' tal-mewt, kienet ħaġa xierqa — u mal-moda wkoll — ifissru ħsibijiethom billi infexxu f'kitba u f'polemiki politici, kemm f'xi gazzetti u f'xi ktejjeb, aktar iva milli le bit-Taljan. Meta ma tidħolx il-politka, jaqgħu fuq ġrajjiet tal-Istorja ta' Malta. Il-kitba letterarja tagħhom kienet aktarx ta' versi. Hu minnu li Ġużè Borg Pantalleresco hu wild dak iż-żmien u kiteb ukoll bit-Taljan kemm proża u kemm poeżija. Iżda meta jmidd idu jfiehem ruħu bil-Malti, tħoss aktar il-ġewwieni ta' ruħu; bil-Malti ħassu ma' qaribu u għalhekk il-kelma tinħass ħajja mhux għax imżejna fiha nfisha, iżda għax kif tingħaġen waħda mal-oħra, tħoss il-qalb tal-awtur li trid titkellem. Għalih il-bniedem u l-ħolqien imlewlu ħsibijietu, u fihom ra 'l Alla illi dejjem talbu jħenn u jbierek. Ġużè Borg Pantalleresco tafa' ħarstu madwaru u ra sbuħija poetika fil-ħwejjeġ li jolqtu l-qalb ta' kull wieħed u waħda li jgħixu l-ħajja ta' kuljum. Kitbietu jixhdu li hu wieħed mill-kittieba illi ntebhu bit-tfajjel fqir, bl-iltim ħosbien, bil-qamħa fis-sbula, bil-benna tal-frotta; hu wieħed mill-kittieba li ntebah illi ċ-ċkejken, il-fqir, l-iltim, fih ukoll il-poeżija tiegħu u jħoss, jifhem, ibati l-ġuħ, il-għomma, ir-reżħa tax-xitwa, jifraħ u jibki ...... f'kelma waħda jgħix daqs min hu setgħan, qawwi, felħan. Jiġifieri hu wieħed minn dawk il-kittieba li meddew idhom għal kitba soċjali. Kittieb li jaħseb f'għajru, igħallimna ħafna fuq kif inhuma magħġuna ħsibijietu. Ġużè Borg Pantalleresco kien wieħed minn dawk li xtaq il-ġid lil għajru. Dan hu l-qofol ta' kollox biex tifhem il-kitba ta' Ġużè Borg Pantalleresco. Is-siwi tal-wirt letterarju tiegħu ma kienx għalih il-muftieħ jew il-bidu u t-tmiem. Għalih l-aqwa kien il-ġid li xtaq jagħmel. Jekk int jidhirlek li l-wirt letterarju tiegħu mhux tal-aqwa fost l-imgħallmin, ma ġara xejn. L-aqwa li hu ta sehmu, u sehmu riedu jaqdi ta' ġid lil għajru u ta' riżq lil-letteratura Maltija. Biex wettaq dan kollu ċċaħħad u medd għonqu għax-xogħol. Dawn huma dik il-għamla ta' rġiel illi xieraq nieqfu għal ftit ħin niftakru f'isimhom u f'għemilhom.

Jekk trid tkun taf kif jifhimha ħaddieħor dwar il-prokuratur legali Ġużè Borg Pantalleresco, tista' taqra x'kiteb l-avukat Edoardo Magri fil-"*La Crociata*", il-ħarġa ta' Ottubru 1950, u x'qal in-Nutar

Vincenzo Maria Pellegrini fil-"*La Nuova Crociata del Malta*" f'Marzu tal-1952.

Tqalleb iż-żewġ kotba tiegħu 'Palpiti, Dmugħ, Tbissim' u 'Għex Mhux Bil-Ħobż Biss', — illi huma damma ta' ħsebijiet, għajdut u fehmiet — tabilħaqq qajla ssib bħalhom fil-ħorġa ta' kotba bil-Malti; taqra kif ħbiebu tkellmu fuqu, barra li tiltaqa' 'l hawn u 'l hinn ma' tagħrifiet żgħar żgħar li jibnulek dehra li turik sewwa min hu u kif jaħsibha Ġuże Borg Pantalleresco.

Mal-mewt tiegħu dehru fil-gazzetti għadd ta' apprezzamenti minn ħbieb li kienu jafuh. Min qal ħaġa u min semma oħra, kif jifhimha hu. Ilkoll jaqblu dwar it-tjieba u l-qalb kbira tiegħu, u x-xewqa sħiħa li jwettaq ġid lil għajru bil-pinna tiegħu.

Dawn huma t-tifkiriet li hu dmirna, li konna nafuh, u xieraq li niktbu biex ta' warajna jkunu jafuh u jifhmuh, igħożżu t-tifkira tiegħu. Għalih ma hemmx, jidhirli, xewqa aqwa minn dik li trodd lil wieħed nisrani din ix-xewqa: *J'Alla isib il-mistrieħ tal-hena fi ħdan il-Mulej* !

ANTON AGIUS MUSCAT.

Frar 1965.

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

## TAD-DAR TAL-GĦAQDA

**IL-MARTRI TA' L-UGANDA** ta' Ġużè Diacono — Minn għand l-Awtur.

**L-EWWEL JIEN** — Dramm fi Tliet Atti, ta' Ġ. Diacono. (Progress Press, 1963). Minn għand l-Awtur.

**IR-RUŻARJU** — Marzu-April, 1965 — Vol. XVII — No. 2. Minn għand l-Editur P.V. Barbara, O.P.

**MIRJA TA' QALBI** — Poeżiji ta' Charles Coleiro. (Lux Press, 1964). Minn għand l-Awtur.

**IL-MONASTERU "SAN PIETRU AP." tas-Sorijiet Benedettini ta' L-Imdina** — Mons. Gius. M. Xerri. Minn għand l-Awtur.

**DANTE — ID-DIVINA COMMEDIA** — L-Infern — Traduzzjoni u Kumment ta' Erin Serracino-Inglott — Stamperija tal-Gvern, Malta, 1964. Minn għand l-Awtur.